

Brussell, 17 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

8618/21

COMPET 336	EMPL 190
IND 120	ENER 166
MI 330	ENV 289
CLIMA 100	ESPACE 50
CONSOM 116	PI 35
DIGIT 57	POLMIL 66
ECOFIN 424	RC 19
EDUC 158	RECH 201

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġja tal-Kunsill Kompetittività tas-27 ta' Mejju 2021</i> Aġġornament tal-istrategġija industrijali l-ġdida għall-Ewropa - l-importanza kritika li jiġi żgurat l-aċċess għal materja prima kritika <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota tal-Presidenza dwar "Aġġornament tal-istrategġija industrijali l-ġdida għall-Ewropa - l-importanza kritika li jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tas-27 ta' Mejju 2021.

## **Kunsill Kompetittività | Suq Intern u Industrija**

### **Aġġornament tal-istrateġija industrijali l-ġdida għall-Ewropa - l-importanza kritika li jiġi żgurat l-aċċess għal materja prima kritika**

#### **Dokument ta' Diskussjoni tal-Presidenza**

Minn meta l-pakkett tal-Politika Industrijali ġie adottat mill-Kummissjoni f'Marzu 2020 inbiddu ħafna affarijiet. Il-pandemija tal-COVID-19 laqtet ħażin l-ekonomija Ewropea, b'impatti kwantitattivi u kwalitattivi differenzjati fid-diversi setturi u ekosistemi industrijali.

L-Istrateġija Industrijali aġġornata, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Mejju, taferma mill-ġdid il-prijoritajiet mogħtija f'Marzu 2020, b'mod partikolari t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Fl-istess ħin, fiha valutazzjoni li għandha l-għan li tislet it-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-pandemija biex tingħata spinta lill-irkupru, tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE (li ġiet diskussa b'mod estensiv fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Kompetittività (Suq Intern u Industrija) f'Marzu ta' din is-sena), u biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni doppja, b'kont meħud tat-talbiet li għamel il-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2020 biex: (i) jiġi ppreżentat rapport strateġiku dwar is-Suq Uniku, inkluż is-sitwazzjoni attwali tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tas-Suq Uniku; (ii) issir valutazzjoni tar-robustezza tal-proċeduri eżistenti u l-ħtieġa għal azzjonijiet biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-Suq Uniku; u (iii) jiġu identifikati dipendenzi strateġiċi, b'mod partikolari fl-ekosistemi industrijali l-aktar sensittivi bħas-saħħa, u jiġu proposti miżuri biex dawn jittaffew.

## **Insaħħu r-reżiljenza tas-Suq Uniku**

L-ewwel Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku jagħti ħarsa, fost l-oħrajn, lejn l-impatt tal-kriżi fuq is-Suq Uniku u fuq il-kumpanniji Ewropej, inkluż fuq l-ekosistemi industrijali u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Huwa jivvaluta wkoll il-progress fl-indirizzar tal-ostakli ewlenin għas-Suq Uniku.

Bħala riżultat tal-analiżi u t-tagħlimiet meħuda, il-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha li tesplora modi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-Suq Uniku. Dan jinkludi l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza, li għandu l-għan li jipprovdi soluzzjoni strutturali biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-moviment liberu tal-persuni, l-oġġetti u s-servizzi fil-kuntest ta' kriżijiet futuri possibbli.

Id-dokument jenfasizza wkoll ir-rwol importanti tat-"Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku", imniedi fil-qafas tal-istrateġija industrijali f'Marzu 2020, bħala l-forum ta' livell għoli fejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jfittxu soluzzjonijiet b'mod kollaborattiv biex jindirizzaw l-ostakli tas-Suq Uniku.

Ser isiru sforzi biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet u l-ostakli identifikati fir-Rapport tal-2020 dwar l-Ostakli għas-Suq Uniku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser tesplora l-possibbiltajiet li tiddefinixxi l-istandards fil-qasam tas-servizzi tan-negozju u ttejjeb l-implimentazzjoni prattika tal-istazzjonar tal-ħaddiema. Ser ikun hemm ukoll enfasi fuq l-interazzjoni bejn l-oġġetti u s-servizzi fl-ekosistemi kollha u r-rwol ta' sorveljanza effettiva tas-suq mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiffaċċjaw prodotti mhux konformi.

Inizjattivi speċifiċi biex jiġu miġġielda l-pagamenti tard, bħall-Osservatorju futur tal-ħlasijiet tard, il-mobilizzazzjoni tal-investimenti fl-SMEs permezz tat-tieqa għall-SMEs ta' InvestEU, u Fond ġdid pubbliku-privat tal-IPO biex jiġu appoġġati l-SMEs u l-kumpanniji b'kapitalizzazzjoni medja, biex jiġi żgurat aċċess aħjar għall-finanzjament tal-ekwità, ser jikkontribwixxu wkoll biex titjeb is-solvenza tal-SMEs. Dawn l-azzjonijiet ser irawmu l-irkupru tas-Suq Uniku u jsaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija tal-UE.

## Nittrattaw id-dipendenzi strateġiċi tal-UE

L-Istrateġija Industrijali ta' Marzu 2020 enfasizzat l-importanza li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE u l-ħtieġa li jitnaqqsu d-dipendenzi fuq pajjiżi terzi għal xi prodotti, infrastrutturi u teknoloġiji speċifiċi ta' importanza strateġika. Il-kriżi tal-COVID-19 uriet l-importanza li jkun hemm tbassir aħjar ta' fejn jinsabu d-dipendenzi strateġiċi attwali u futuri.

Fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tagħha dwar dipendenzi strateġiċi ppubblikat mal-Istrateġija Industrijali aġġornata, il-Kummissjoni wettqet analiżi bbażata fuq data kummerċjali li tipprovdi l-ewwel għarfien. Minn 5200 prodott importati fl-UE, l-analiżi tidentifika 137 prodott (li jirrappreżentaw 6 % tal-valur totali tal-importazzjoni tal-oġġetti fl-UE) f'ekosistemi industrijali sensittivi li fuqhom l-UE tiddependi ħafna. Madwar nofshom joriġinaw miċ-Ċina. Dawn il-prodotti huma relatati l-aktar mal-industriji intensivi fl-enerġija (bħall-materja prima) u l-ekosistemi tas-saħħa (bħall-ingredjenti farmaċewtiċi attivi), jew prodotti oħra rilevanti għall-appoġġ tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Minn dawk, 34 prodott huma meqjusa bħala aktar vulnerabbli minħabba l-potenzjal possibbilment baxx tagħhom għal aktar diversifikazzjoni u sostituzzjoni bil-produzzjoni tal-UE. L-analiżi preżenti tkopri sitt reviżjonijiet fil-fond dwar il-materja prima, il-batteriji, l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi, l-idroġenu, is-semikondutturi u t-teknoloġiji cloud u edge. L-analiżi turi wkoll sfidi u dipendenzi fil-qasam tat-teknoloġiji avvanzati.

Dwar it-triq 'il quddiem, l-Istrateġija Industrijali aġġornata tiddikjara mill-ġdid ir-rieda tal-Kummissjoni li tkompli tinvolvi ruħha mal-Istati Membri u mal-Industrija, inkluż permezz tal-Forum Industrijali biex tapprofondixxi l-analiżi tagħha u tindirizza d-dipendenzi strateġiċi identifikati. Kif deskritt fir-Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali, il-ħidma ser tibqa' miexja lejn id-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali u tibni sħubijiet internazzjonali ma' sħab tal-istess fehma.

Barra minn hekk, l-Istrateġija Industrijali aġġornata affermat mill-ġdid l-appoġġ tal-Kummissjoni għall-alleanzi industrijali f'oqsma strateġiċi fejn huma identifikati bħala l-aħjar għodda biex jitħaffu l-attivitajiet li kieku ma kinux jiżviluppaw. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ħabbret li qed tħejji t-tneđija ta' żewġ alleanzi għal Teknoloġiji ta' Proċessuri u Semikondutturi, u għal Data Industrijali, Edge u Cloud. Qed tikkunsidra wkoll it-tħejji ta' alleanzi dwar il-Lanċjaturi fl-Ispazju u dwar l-Avjazzjoni b'Emissjonijiet Żero, filwaqt li qed taħdem f'komplementarjetà sħiħa mal-Alleanza tal-Fjuwils Rinnovabbli u b'Livell Baxx tal-Karbonju li qed tiġi kkunsidrata bħalissa.

Skont l-Istrateġija Industrijali aġġornata, il-Kummissjoni ser tippreżenta wkoll strateġija dwar l-istandardizzazzjoni għal pożizzjoni aktar assertiva fl-istabbiliment ta' standards Ewropej u internazzjonali, f'konformità mal-interessi u l-valuri strateġiċi Ewropej. Filwaqt li hija teknika min-natura tagħha, l-istandardizzazzjoni hija attività strateġika ħafna. L-istandards jiżguraw l-interoperabbiltà bejn apparati u servizzi differenti, inaqqsu l-kostijiet ta' adattament, jeliminaw l-ostakli għall-kummerċ, jgħinu lill-kumpanniji jaċċessaw is-swieq u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u prodotti ġodda. Barra minn hekk, l-istandards jista' jkollhom rwol ewlieni fit-trawwim tal-kompetittività u t-tmexxija teknoloġika tal-UE, b'mod partikolari f'oqsma ġodda fejn l-UE, waħedha jew f'kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, għandha l-kapaċità li tinfluwenza s-sistema internazzjonali.

Il-gwida mħabbra dwar l-akkwist pubbliku strateġiku tista' tikkontribwixxi aktar għad-diversifikazzjoni tal-bażi tal-fornituri u għat-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur tal-UE f'kuntest globali.

Flimkien mal-Istrateġija Industrijali aġġornata, il-Kummissjoni pproponiet ukoll strument legali biex tindirizza l-effetti potenzjalment distorsivi tas-sussidji barranin fis-Suq Uniku. Dan l-istrument jista' jkun element ewlieni billi jindirizza d-dimensjoni esterna tal-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u, billi jagħmel dan, jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' Suq Uniku ġust u kompetittiv.

Fl-aħħar nett, l-inizjattivi stabbiliti fl-Istrateġija Industrijali aġġornata jridu jiġu stabbiliti wkoll fil-kuntest usa' ta' azzjonijiet ikkunsidrati minn pajjiżi terzi. Pereżempju, l-Istati Uniti qed iwettqu reviżjoni tal-ktajjen tal-provvista tagħhom b'enfasi fuq il-batteriji, is-semikondutturi, l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi u l-elementi terrestri rari, u sitt bażijiet industrijali<sup>1</sup>. Il-G7 qed jindirizza wkoll il-vulnerabbiltajiet fil-katina tal-provvista globali bħala parti minn pjan ta' azzjoni ġdid dwar ir-reżiljenza ekonomika tal-G7.

### **Inħaffu t-tranżizzjonijiet doppji**

Il-pandemija affettwat il-veloċità u l-iskala tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Biex issaħħaħ il-każ tan-negozju għat-tranżizzjonijiet u l-prevedibbiltà tagħha, li huma prekondizzjonijiet għal deċizzjonijiet ta' investiment infurmati tajjeb, l-Industrija teħtieġ qafas regolatorju koerenti, aċċess għall-kapaċitajiet u l-infrastruttura (inkluż dawk diġitali), aċċess għall-finanzi (b'enfasi qawwija fuq l-istrumenti tal-ekwità u fuq il-ħtieġa li tittejjeb l-ekosistema kapitali), aċċess għall-materja prima u enerġija dekarbonizzata, u l-ħiliet it-tajba.

F'dan l-isfond, l-Istrateġija Industrijali aġġornata tippreżenta l-ewwel analiżi tal-isfidi ffaċċjati mill-erbatax-il ekosistema industrijali u tal-inizjattivi trasformattivi li diġà ttieħdu. Dawn l-analiżijiet jirrappreżentaw kontribut importanti għall-kokreazzjoni, fi sħubija mal-Industrija, mal-awtoritajiet pubbliċi, mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħra, tal-hekk imsejħa perkorsi ta' tranżizzjoni għall-ekosistemi industrijali.

Hemm ukoll il-ħtieġa li jinħolqu u jiġu approfonditi s-swieq għall-prodotti ekoloġiċi u li tingħata spinta lill-investimenti. L-investimenti minn Next Generation EU, li l-Kunsill Kompetittività kellu l-opportunità li jiddiskuti fi Frar li għadda, ser jipprovdu opportunitajiet biex l-ekonomiji tagħna jinbidlu strutturalment. Proġetti multinazzjonali, alleanzi industrijali, sħubijiet Ewropej u għodod oħra jista' jkollhom rwol importanti biex javvanzaw it-tranżizzjonijiet doppji.

---

<sup>1</sup> Difiża, Saħħa, ICT, Enerġija, Trasport, Agroalimentari. Ara <https://www.whitehouse.gov/briefing-room/presidential-actions/2021/02/24/executive-order-on-americas-supply-chains/>.

## L-aċċess għall-Materja prima Kritika

L-Istrateġija Industrijali aġġornata u l-immappjar tagħha tad-dipendenzi u l-kapaċitajiet strateġiċi tal-UE jkomplu jiġbdu l-attenzjoni tagħna għad-dipendenza tal-UE fuq il-provvista ta' materja prima minn pajjiżi terzi.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Materja Prima Kritika<sup>2</sup> jippreżenta għaxar azzjonijiet biex tinbena r-reżiljenza u l-awtonomija strateġika miftuħa, filwaqt li jitnaqqsu l-impatti ambjentali u soċjali tal-użu tar-riżorsi. L-għarfien tal-Istati Membri dwar id-dipendenzi strateġiċi tagħhom stess fuq materja prima kritika, inkluż permezz tal-użu tagħhom mill-industriji downstream u l-involviment attiv tagħhom, huwa meqjus bħala kritiku għas-suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE. Fost l-oqsma l-aktar urġenti li jeħtieġu azzjoni hemm l-elementi terrestri rari. Dawn huma essenzjali għall-produzzjoni tal-kalamiti permanenti f'firxa ta' ekosistemi industrijali, b'mod partikolari tal-karozzi, l-enerġija rinnovabbli u d-difiża<sup>3</sup>.

Id-dipendenza kważi sħiħa fuq sors uniku ta' provvista għal elementi terrestri rari u r-raffinar tagħhom u r-riċiklaġġ tal-kalamiti (iċ-Ċina) jistgħu jitqiesu bħala riskju strateġiku li mhux biss l-UE, iżda wkoll l-Istati Uniti, il-Ġappun, ir-Renju Unit, il-Kanada, l-Awstralja, l-Indja u oħrajn qed jgħaġġlu biex jindirizzaw.

Hemm bżonn ta' investiment u l-Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima ħejjiet pjan ta' investiment li jista' jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati d-dipendenzi importanti tal-materja prima. Madankollu, biex dan jirnexxi, il-manifatturi downstream iridu jipprovdu suq.

---

<sup>2</sup> COM (2020) 474 tat-3 ta' Settembru 2020.

<sup>3</sup> 95 % tal-vetturi elettriċi jużaw kalamiti permanenti, it-turbini tar-riħ fihom medja ta' 600 kg ta' kalamita permanenti għal kull MW. L-industrija tad-difiża tuża sehem żgħir ta' kalamiti permanenti iżda ta' grad għoli u diffiċli biex jiġu sostitwiti.

Bħalissa, l-akkwist domestiku ta' elementi terrestri rari huwa qrib iż-żero. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE jappella lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jagħmlu użu aħjar mir-riżorsi domestiċi, billi jidentifikaw proġetti kritiċi għall-estrazzjoni tal-materja prima, l-ipproċessar u l-valorizzazzjoni tal-iskart li jistgħu jkunu operattivi sal-2025 (eż. permezz ta' investimenti rilevanti fil-Pjanijiet Nazżjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza). L-akkwist domestiku għandu l-potenzjal li jipprovdi 20 % tad-domanda annwali tal-UE sal-2030<sup>4</sup>.

Il-Kummissjoni pproponiet li tiżviluppa sħubiji strateġiċi ma' pajjiżi għonja fir-riżorsi sabiex tiddiversifika l-provenjenza esterna u diġà qed tinnegozja mal-Kanada u l-Ukrajna. Reġjuni oħra bħall-Balkani tal-Punent huma importanti wkoll. Is-Serbja għandha riżorsi kbar ta' litju, borati u materja prima kritika oħra u kkonfermat l-interess tagħha li tiżviluppa sħubija strateġika mal-UE. Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li tipproponi sħubijiet strateġiċi lill-pajjiżi interessati fl-Afrika, billi toffrilhom għajjnuna biex joħlqu valur miżjud fis-settur tal-minjieri bħala mutur għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

Huwa importanti li wieħed jinnota, għal darb'oħra, li l-atturi globali l-oħra qed iħarsu wkoll lejn dawn il-pajjiżi biex jiżguraw il-provvista tagħhom ta' minerali kritiċi. Għalhekk, huwa essenzjali li l-Istati Membri u l-kumpanniji Ewropej jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'dawn is-sħubijiet strateġiċi.

### ***Punti għad-diskussjoni:***

- 1. Liema tliet elementi tal-Istrateġija Industrijali aġġornata għandhom jingħataw prijorità f'termini ta' miżuri ta' politika li għandhom jiġu adottati fi żmien qasir/medju? B'kont meħud tar-rwol ewlieni tas-Suq Intern, liema huma t-tliet elementi meqjusa bħala partikolarment importanti għall-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza l-ġdid?*
- 2. Id-dipendenzi kritiċi tal-materja prima ser jipperikolaw l-investimenti fil-kobor u l-pass meħtieġa biex jiġu attivati b'mod effettiv it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali? Liema investimenti fil-katina tal-valur tal-materja prima għandhom l-intenzjoni li jappoġġaw l-Istati Membri permezz tal-investment privat, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-fondi tal-UE u/jew l-għajjnuna mill-Istat?*

---

<sup>4</sup> Kalkoli tal-ERMA: S'issa, l-ERMA identifikat 14-il proġett domestiku li setgħu jipprovdu 7 000 t ta' kalamiti sal-2030 u jkopru 20 % tad-domanda annwali tal-UE.